KUNSILL LOKALI

BORMLA
*Citta' Cospicua*

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 89/2018

**5 ta' Settembru, 2018**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
James Cauchi – Kunsillier

### ASSENTI:

Ivan Agius – Vici-Sindku
Antonia Perini - Kunsilliera

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

**89.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

89.1.1 Ma kienx hemm

**89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

89.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 87 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

89.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

89.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

89.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 88 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

89.2.5 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

89.2.6 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**89.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

89.3.1 Is-Sindku ghaddiet lill-Kunsill Lokali informazzjoni dwar l-attivita' Cospicua Short Play Festival li l-Kunsill Lokali kien ha hsieb li jtella' nhar il-Gimgha 31 ta' Awissu u s-Sibt 1 ta' Settembru 2018. Is-Sa. Zerafa Civelli irringrazzjat lil dawk kollha li b'xi mod kienu involuti fl-attivita'.

89.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm rigward applikazzjoni li l-Kunsill Lokali kien issottometta ghand l-Awtorita' tal-Ippjanar ghar-rigenerazzjoni ta' grawnds Peppi Delceppo.

89.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'ghajnuna li l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jircievi minghand il-Gvern Centrali sabiex tittaffa problema ta' nuqqas ta' dawl li kien hemm fi Gnien il-Kottoner.

89.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'komunikazzjoni li l-Kunsill Lokali kien ircieva wara li talab informazzjoni dwar zviluppi fir-restawr ta' swar fiz-zona ta' San Gwann t'Ghuxa

89.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilli Lokali b'azzjonijiet li kienu ttiehdu wara li l-Kunsill

Lokali kienu waslulu rapporti dwar allegati inkonvenjenti kkawzati mill-operat ta' Palumbo Malta shipyards Ltd. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi fir-rigward, hekk kif kien obbligat, il-Kunsill Lokali gibed l-attenzjoni tal-awtoritajiet dwar il-materja u kien qieghed jistenna l-ezitu.

89.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi zjara kordjali li kienet saret lill-Kunsill Lokali mis-Sur Charlie Aquilina, li kien ghadu kemm rebah is-sezzjoni veterani tal-kampjonat tad-dinja tas-*Subbuteo.*

**89.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

89.4.1 Ma kienx hemm.

**89.5 Attendenza tal-Kunsilliera ghas-seduta**

89.5.1 Is-Sindku qalet illi kienet ingibditilha l-attenzjoni rigward il-fatt illi l-Vici-Sindku kien naqas milli jattendi ghal aktar minn terz tas-seduti li kienu gew msejha fi zmien sitt xhur (bejn Marzu u Awissu 2018) u ghaldaqstant, il-Kunsill Lokali kellu skont artiklu 18 tal-att dwar il-Kunsilli Lokali ( kap 363) jinnotifika lill-Ministru responsabbli dwar il-materja

89.5.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi mal-obbligu legali u jinforma lill-Ministru bic-cirkostanza. Peress illi s-Sur Agius ma kienx informa lill-Kunsill Lokali bin-nuqqas tieghu ghas-seduti rispettivi u ghaldaqstant l-istess nuqqas ma giex meqjus bhala gustifikat, il-Kunsill Lokali ma setax f'dan l-istadju jiggustifika l-assenza tas-Sur Agius.

**89.6 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

89.6.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru08/18) ghall-approvazzjoni.

89.6.2 Is-Sindku gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali illi b'referenza ghal pagament kuntrattwali dovut ghas-servizz ta' knis li kien hemm fl-iskeda kien thalla l-ammont li kien ser jithallas vojt. Dan ghaliex kienu inhargu xi default in performances lill-kuntrattur rispettiv, liema *default in performances* kienu jikkwantifikaw fi tnaqqis ta' 5 (hamsa) fil-mija tal-ammont dovut skont il-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Wara diskussjoni libera, gie deciz illi l-ammont dovut kellu jitnaqqas mill-hlasijiet li l-kuntrattur kien ser ikun qieghed jircievi ghax-xahar ta' Awissu 2018. Dan peress illi d-*defaults in performance* kienu inhargu ghal nuqqasijiet li kienu gew innutati waqt il-perjodu msemmi.

89.6.3 Fuq proposta tas-Sur Roderick Mamo ssekondat mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

89.6.4 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Awissu 2018 ghall-approvazzjoni.

89.6.5 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

**89.7 Rapport Finanzjarju – Jannar – Marzu 2018**

89.7.1 Is-Sindku pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abozz ta' rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar – Marzu 2018. Is-Sa. Zerafa Civelli intoduciet lis-Sa. Romina Perici Ferrante, accountant li kienet qieghda toffri servizz temporanju lill-Kunsill Lokali sabiex tispjega r-rapport in-kwistjoni, liema rapport kien gie mhejji minnha stess.

89.7.2 Wara li s-Sa. Perici Ferrante spjegat r-rapport u wiegbet mistoqsijiet li sarulha mill-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tal-Kunsillier Roderick Mamo ssekondat mis-Sindku u b'votazzjoni unanima, il-Kunsill Lokali approva r-rapport hekk kif propost.

**89.8 Rapport Finanzjarju April – Gunju 2018**

89.8.2 Is-Sindku pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abozz ta' rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu April - Gunju 2018. Is-Sa. Zerafa Civelli intoduciet lis-Sa. Romina Perici Ferrante, accountant li kienet qieghda toffri servizz temporanju lill-Kunsill Lokali sabiex tispjega r-rapport in-kwistjoni, liema rapport kien gie mhejji minnha stess.

89.8.2 Wara li s-Sa. Perici Ferrante spjegat r-rapport u wiegbet mistoqsijiet li sarulha mill-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tal-Kunsillier Pablo Cachia Belli ssekondat mis-Sindku u b'votazzjoni unanima, il-Kunsill Lokali approva r-rapport hekk kif propost.

**89.9 Rapport Amministrattiv 2017.**

89.9.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tar-rapport amministrattiv ghas-sena 2017. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-istess rapport kien diga' gie

approvat waqt seduta li kienet inzammet f'Mejju 2018. Madanakollu, kienu saru xi emendi ewlenin fosthom l-inkluzjoni ta' figuri mill-*Audited Financial Statements.*

89.9.2 Wara li l-Kunsilliera inghataw l-opportunita' li jergghu jezaminaw ir-rapport, fuq kunsiderazzjoni tal-Kunsillier Roderick Mamo ssekondat mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif propost.

**89.10 Sejhiet ghall-offerti**

89.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien ghaddej il-process ta' evalwazzjoni ghal sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghas-servizz ta' accountant. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fl-istess waqt kien intalab rapport tekniku b'konnessjoni ma' offerti li l-Kunsill Lokali kien ircieva ghal sejha ghall offerti li kienet inharget ghal xiri ta' fanali ornamentali. Kien qieghed jigi mfassal abbozz ta' document rigward resurfacing ta' partijiet minn Triq il-Gendus u xoghol iehor fi Triq il-Polverista.

**89.11 Development Planning Fund**

89.11.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' ittra li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand l-Awtorita' tal-Ippjanar, liema ittra kienet giet diskussa waqt seduti precedent, hija kienet tal-opinjoni illi l-Kunsill Lokali kellu jutilizza l-fondi sabiex isir xoghol ta' manutenzjoni fuq is-sistema tad-dawl u pavimentar fi Gnien Santa Margerita.

89.11.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Perit tal-Kunsill Lokali kellu jigi mqabbad jaghmel stima tax-xogholijiet imsemmija sabiex il-Kunsill Lokali ikun f'pozizzjoni ahjar li jiehu decizjoni dwar il-materja.

**89.12 Mozzjonijiet**

89.12.1 *<u>Mozzjoni numru 07/2018</u>*
*Nipproponi li l-Kunsill Lokali jibda' b'diskussjonijiet u l-proceduri mehtiega ma' Transport Malta biex fi Triq Santa Tereza u Triq San Pawl jigu implimentati 'traffic calming measures' fosthom il-possibilita' li jigu installati speed cameras*

Proponent : Noyah Spiteri
Sekondant :

Is-Sur James Cauchi ressaq proposta sabiex il-mozzjoni tigi emendata u wara il-kliem Triq San Pawl jizdied il-kliem Triq il-Kottonera. Is-Sur Roderick Mamo ssekonda l-proposta tas-Sur Cauchi li giet approvata b'votazzjoni unanima mill-kunsilliera prezenti.

89.12.2 Is-Sindku ressqet proposta sabiex il-mozzjoni hekk kif emendata ssirilha emenda u wara l-kliem Triq il-Kottonera jizdied il-kliem Triq il-Polverista. Is-Sur Pablo Cachia Belli ssekonda l-proposta tas-Sa. Zerafa Civelli li giet approvata b'votazzjoni unanima mill-Kunsilliera prezenti.

89.12.3 Il-mozzjoni hekk kif emendata giet issekdonata mis-Sur Roderick Mamo u ghaddiet b'votazzjoni unanima.

89.12.4 *<u>Mozzjoni numru 08/2018</u>*
*Minhabba numru ta' ilmenti rigward nuqqas kbir ta' dawl fi Triq Pietru Pawl Caruana qed nipproponi li l-Kunsill jinstalla bozza gdida fl-istess triq kif indikat fil-pjanta mehmuza.*

Proponent : Alison Zerafa Civelli
Sekondant : Roderick Mamo

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

## 89.13 Attivitajiet

89.13.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi fl-assenza tal-Kunsilliera Antonia Perini, il-Kunsill Lokali ma setax jiddiskuti attivita' li kien qieghed jigi propost li tittella', liema attivita' kienet qieghda tikkordinaha l-istess Sa. Perini.

89.13.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsill Lokali kien qieghed jibda' t-thejjijiet sabiex hekk kif deciz aktar kmieni matul is-sena jittellghu Jum Bormla 2018 u l-attivita' Diamonds of Fire 2018. Dwar il-materja kien ser ikun hemm diskussjonijiet f'aktar dettall fis-seduta segwenti.

## 89.14 Rapporti

89.14.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li kienet waslet minghand il-Fondazzjoni Valletta 2018 liema korrispondenza kienet tikkoncerna

numru ta' workshops

- Il-Kunsill Lokali qabel illi kemm il-darba jkun possibbli kellha timmaterjalizza attivita' bl-isem ta' Obstacle Challenge liema attivita' kienet qieghda tigi kkordinata minn The Pit u Jugs.
- Il-Kunsilliera Noyah Spiteri u s-Sa. Alison Zerafa Civelli wrew id-disponibilita' taghhom ghal atttivita' li kienet ser tkun qieghda tittella' minn Fondazzjoni Nazareth
- Kellha tintbaghat lill-Kunsilliera korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, liema korrispondenza kienet tikkoncerna konsultazzjoni dwar studju socjali dwar l-impatt fuq l-Istorbju Ambjentali
- Kellha tintbaghat lill-Kunsillier James Cauchi korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand il-Kummissjoni ghad-drittijiet tal-Persuni b'dizabilita', liema korrispondenza kienet tikkoncerna sessjonijiet ta' tahrig.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellux jaccetta illi l-kumpanija Malta Textile Recycling tpoggi fil-lokalita' erba' kontenituri ghall-gbir ta' tessuti ghar-riciklagg.
- Wara li gew evalwati d-dettalji u cirkostanzi ghal talba ghal kumpens li individwu kien ressaq b'konnessjoni ma' allegat incident li l-istess individwu kellu kawza ta' hofra li kien hemm fi Triq San Gwann, gie deciz illi kellu jkun hemm kumpens ta' €70 hekk kif mitlub.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'decizjoni tac-Centru 19 ta' Novembru 1944 li ma jkunx hemm hlas ghal reklam li l-istess ghaqda kienet tippublika annwalment fl-okkazjoni tal-festa ta' Marija Immakulata.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'emendi li kienu dahlu fis-sehh fl-att dwar l-immaniggjar tal-iskart ( Kap 206).
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'komunikat li kien inhareg mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali rigward posti ta' ikel u xorb. Wara li inqara il-komunikat , il-Kunsill Lokali gie infurmat bi struzzjonijiet li kienu inhargu mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-istess materja, liema struzzjonijiet kienu ghadhom fis-sehh.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi ma kelliex tigi milqugha talba minn St.George's F.C. sabiex il-Kunsill Lokali jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' trasport meta l-istess organizzazzjoni ikollha attivita' sportiva.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellhom isiru l-preparamenti mehtiega sabiex kemm il-darba ikun possibbli il-Kunsill Lokali jikkollabora ma' Bormla Subbuteo Club u jorganizza attivitajiet matul Ottubru 2018 u Frar 2019.
- Wara li l-Kunsill Lokali gie infurmat b'diversi rapporti li kienu waslu mill-

kumpanija Green MT rigward abbuzi minn bring-in sites li kien hemm fiz-zona ta' Sur San Pawl, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jaghti struzzjonijiet sabiex l-istess bring-in-sites jitnehhew kompletament miz-zona.

**89.15** **Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

89.15.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fit-8:00 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 10 ta' Ottubru 2018 fis-5:30p.m.

Konfermati, illum 5 ta' Settembru 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | ________________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |